HANDMADE CREATIVE THINKING

Newsletter
Ħarġa 02

Kontenut:

Manifest tal-Kreattivitá u l-Innovazzjoni

Manifest

Mit-tavlozza tad-disinn

Imsieħba fil-Proġett

Manifest tal-Kreattivitá u l-Innovazzjoni

L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħtu issa l-attenzjoni sħiħa tagħhom lill-kreattività u l-innovazzjoni sabiex isibu soluzzjoni għall-qagħda staġnata preżenti.

L-Ambaxxaturi Ewropej għall-Kreattività u l-Innovazzjoni.

Kull sena l-unjoni Ewropea tiddedika t-tnax –il xahar li jkunu ġejjin għal tema partikolari u s-sena 2009 kienet magħżula bħala s-Sena Ewropeja tal-Kreattività u l-Innovazzjoni. Biex tiċċelebra u tippromovi din is-sena l-UE ħatret 25 Ambaxxatur li ġejjin minn diversi pajjiżi u li jirrappreżentaw diversi aspetti tal-kreattività u l-innovazzjoni.

Wieħed mill-aktar riżultati interessanti u ta' ħsieb tas-Sena tal-Kreattività u l-Innovazzjoni kien dan il-Manifest li ġej li l-Ambaxxaturi ddiskutew, iddraftjaw u ppromovew.

Manifest

1. Rawwem il-kreattività f'proċess ta' **tagħlim tul il-ħajja** fejn it-teorija u l-prattika jmorru id f'id.

2. Agħmel **l-iskejjel u l-universitajiet** postijiet fejn l-istudenti u l-għalliema jimpenjaw ruħhom fi ħsieb u tagħlim kreattiv permezz tal-prattika.

3. Biddel il-**postijiet tax-xogħol** f'siti ta' tagħlim.

4. Ippromovi **settur kulturali** b'saħħtu, indipendenti u divers li jkun jista' jsostni djalogu interkulturali.

5. Ippromovi r-**riċerka xjentifika** biex tifhem id-dinja, ittejjeb ħajjet innies u tistimula l-innovazzjoni.

6. Ippromovi l-proċessi ta' **tfassil**, ħsieb u għodda, komprensjoni tal-bżonnijiet, l-emozzjonijiet, l-aspirazzjonijiet u l-abbiltajiet tal-utenti.

7. Sostni l-**innovazzjoni tan-negozju** li tikkontribwixxi l-prosperità u s-sostenibilità.

Kemm jekk inti persuna tas-sengħa, SME, trejner vokazzjonali u edukattiv (VET) jew student li qed titħarreġ fl-industriji kreattivi, aħna ċerti li dan il-Manifest se jispirak u se jagħtik is-setgħa.

http://www.create2009.europa.eu/

Il-proġett illanċja l-websajt tiegħu, fejn wieħed jista' jsib l-informazzjoni kollha dwar il-proġett. Aħna nissuġġerixxu li int iżżur il-websajt tagħna **http://www.handmadecreativethink.eu** u tirreġistra biex iżżomm lilek innifsek infurmat u jkollok aċċess għall-moduli tat-taħriġ li se jiġu żviluppati matul il-proġett.

Mit-tavlozza tad-disinn...

L-iżvilupp ta' kwalunkwe prodott ġdid huwa żmien eċċitanti. Ideat ġodda huma ġġenerati, kapaċitajiet kreattivi huma permessi li jsibu l-espressjoni sħiħa tagħhom, u teoriji mċajpra jinbidlu fi prodotti solidi. Hekk ġara fil-każ tat-tim tal-iżvilupp tal-HCT.

Matul l-aħħar ftit xhur li għaddew aħna żviluppajna prototip għall-Manwal tal-Ħsib Kreattiv tal-HCT li se jkun disponibbli fit-tmiem tal-proġett.

Matul ix-xhur li ġejjin aħna se nittestjaw dan il-manwal ma' grupp ta' parteċipanti interessati u se nibdlu l-kontenut skont il-kummenti tagħhom.

Waqt l-iżvilupp tal-Manwal tal-Ħsib Kreattiv kien hemm ukoll ċerti sfidi, mhux l-anqas, kif se nittrasferixxu l-metodu ta' tagħlim tal-workshop għat-tfal u żgħażagħ, (il-Capture System) għal sistema li tista' tiġi wżata mill-adulti mhux f'ambjent ta' workshop/tagħlim iżda bħala materjali li jistgħu jiġu aċċessati minnhom infushom. It-tim tal-iżvilupp iffaċċja dawn l-isfidi, bħala opportunitajiet biex jifhem aħjar il-Capture System, li tiffoka fuq sitt elementi prinċipali:



- Ħolqien ta' ambjent kif għandu jkun
- Użu tal-lingwa korretta
- Ġbir tad-dejta kollha
- Assigurazzjoni li nsibu l-ħin biex naħsbu
- Rikonoxximent tal-mod kif naħsbu
- Inkoraġġiment tal-esperimentazzjoni u l-evalwazzjoni

Barra minn hekk, il-prodott finali kkunsidra wkoll l-opinjonijiet u l-istennija li qamu waqt il-gruppi ffokati, biex niżguraw li qed nilħqu l-bżonnijiet tan-nies li finalment se jużaw u jippromovu dawn l-għodod ma' ħaddieħor.

Jekk trid tinvolvi ruħek biex tipprova l-manwal il-ġdid tagħna tal-Ħsib Kreattiv, agħmel kuntatt mal-organizzazzjoni msieħba lokali tiegħek li se tkun qed tagħmel it-testijiet kmieni fl-2011. Jekk trid iżżom ruħek aġġornat dwar il-proġett tagħna u li jkollok aċċess għall-prodott finali tagħna, inti tista' tirreġistra mal-websajt tagħna.

L-organizzazzjonijiet imsieħba fil-proġett huma:

Palermo
CE.S.I.E. – Centro Studi ed Iniziative Europeo
Via Roma n.94, 90133 Palermo, **Italja**
http://www.cesie.org/
Kuntatt: Angela Martinez
Tel: +39 091 6164224
Email: *angela.martinez@cesie.org*

Valletta
EuroMed Connect Coop.
157, Triq Archbishop, Valletta VLT 1440, **Malta**
http://www.euromedconnect.eu/
Kuntatt: Michael Refalo
Tel: +356 79672780
Email: *michael.refalo@euromedconnect.eu*

Bologna
Seneca
Piazza dei Martiri n.8, 40121 Bologna, **Italja**
http://www.senecabo.it/
Kuntatt: Paola Baldassarri
Tel: +39 051255004
Email: *paolab@senecabo.it*

Londra
Capture Arts
APT Studios 6, Creekside, Deptford,
London SE8 4SA, **Renju Unit**
http://www.makingthinkingmatter.org/
Kuntatt: Deborah Astell
Tel: +44 07984321560
Email: *deborah@capturearts.org*

Bl-appoġġ lokali ta'

DĠ Edukazzjoni u kultura
Programm "Tagħlim Tul il-Ħajja"
Edukazzjoni u taħriġ

Dan il-proġett huwa ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-opinjonijiet tal-awtur biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kull użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.